MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 931/2008

**Schembri & Sons Ltd – C4225**

**vs**

**Anthony Azzopardi**

It-Tribunal,

I PRELIMINARI

**Ra** t-TALBA konsistenti filli s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenut il-hlas ta' elf, disa' mija, sitta u sittin Ewro u sitt centezmi (€1966.06c) flimkien ma mghax legali mid-data tal-konsenja, prezz ta' *pre-stressed slabs* lilu mibjugh u konsenjati.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:

1. It-talba hi preskritta skond art 2149 (a) Kodici Civili
2. It-talba attrici mhiex gustifikata billi l-planki suppliti kellhom nuqqas mhux accettabbli ta' uniformita' fil-konkos.

II PROVI

1. It-tribunal jinnota minnufih li f'din il-kawza ntilef hafna zmien billi x-xhieda ta' **Abigail Galea**, li issa tinsab *a fol* 38 *et seq* tal-process, kienet intilfet, kif kienu ntilfu wkoll ir-ritratti Dok AG1-4 issa *a fol* 57 *et seq* tal-process, originarjament esibiti mill-istess xhud izda issa jinsabu mill-gdid fil-process.

2. It-TRIBUNAL irid l-ewwelnett jiddisponi mill-eccezzjoni prelimiari ta' preskrizzjoni *per* art 2149(a) imressqa mill-konvenut.

3. **Abigail Galea** xehdet li hi tahdem fl-*accounts* mas-socjeta' attrici. Taf li kienet saret konsenja ta' *slabs* lill-konvenut li hu negozjant u jikkultiva u jbiegh il-fjuri u l-konsenja saret precizament fejn issir din l-attivita' f'Haz Zabbar. Taf li l-konvenut ilminta li kien hemm xihaga hazina fis-*slabs*. Dan kien is-suggett tal-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet. Kien hemm rapport ta' perit dwar dan. Hi xehdet "mill-karti li hemm" ghax lill-konvenut ma kellmitu qatt.

4. Riezaminata xehdet hekk:-

*Jiena naf li n-negozjant hu li jikkultiva l-fjuri peress illi mort personalment fil-fond u anki hadt xi ritratti. Jiena meta mort fil-fond staqsejt jekk ibieghux il-fjuri, giet persuna fuqi u qaltli li hemmhekk jikkultivahom u fil-fatt il-bejgh tal-fjuri issir minn post iehor. Jiena staqsejt ghas-Sur Anthony Azzopardi u qaluli li ma kienx fuq il-post imma jekk ridt nixtri xi fjuri biex immur fil-post fejn ibieghu l-fjuri u inkella t-tifla tieghu u tkun tista taqdini t-tifla tieghu. Jiena mort fuq il-post il-bierah wara nofsinhar u hadt seba' ritratti li qed jigu nnumerati DOC AG1 sa AG7 li hadt jiena stess il-bierah. Qed nezebixxi ukoll DOC AG8 il-card li tawni meta mort il-hanut il-bierah. Nispecifika li r-ritratti ta' fejn jikkultivaw il-fjuri u l-biljett ta' fejn jinbieghu l-fjuri jigifieri zewg fondi differenti.*

Kontro Ezami ta' Re Ezami

*Nispecifika li t-tifla kienet tal-persuna li kienet qed tkellimni u mhux ta' Anthony Azzopardi. Qed jigi ssugerit lili li l-post fejn mort fejn jinbieghu l-fjuri fil-fatt hu ta' Grezzju Azzopardi missier il-konvenut u jien nirrispondi li jien ma nafx.*

Ri Ezami Ulterjuri

*Jiena meta mort … il-*three strap slabs* few konsenjati fil-post fejn mort il-bierah, fejn hadt ir-ritratti u fejn qaluli li hemmhekk jigu kkultivati l-fjuri.*

Kontro Ezami ulterjuri

*Jiena xoghol barra ma naghmilx allura fejn fizikament qeghdu s-slabs personalment ma nafx. Li qed nghid fejn tqeghdu dawn is-slabs fuq il-karti.*

5. **__Il-konvenut__**, xehed li fis-sena 2002 kien talab lis-socjeta' attrici xi planki *pre-stressed* ghall-mahzen tieghu f'Bulebel, Zabbar. Meta tqabbad minnu l-AIC Rudolph Bartoli, dan sab difetti kif jirrizulta mic-certifikat Dok *a fol* 20 datat 21 ta' Jannar 2003 li jghid hekk:-

*Gejt inkarigat mis-Sur Anthony Azzopardi biex nispezzjona planki "pre-stressed" li tpoggew fis-saqaf tal-mahzen tieghu fuq l-art ta' Bulebel iz-Zghir, Zabbar. Min din l-ispezzjoni ikkonstatajt li uhud minn dawn il-lanki fihom hafna qsim u toqob fondi. Jidher li l-konkos, jew ma giex ivvibrat tajjeb jew it-tahlita kienet difettuza. Dan irrizulta f'nuqqas ta' uniformita fil-konkos u zvilupp ta' hafna qsim u vojt ta' arja. Dan id-difett jidher li huwa konsistenti fil-hxuna kollha tal-planki ghax l-ilma tax-xita qed jippenetra bla diffikulta ta' xejn minn fuq il-planki ghal gol mahzen. Niddikjara li dawn il-planki huma ta' kwalita' baxxa u mhux accettabbli.*

6. Kien inkariga lill-Avukat Dr. John Vassallo biex jgharraf lis-socjeta' attrici b'dan ir-rizultat izda "baqa ma ntlahaq ebda ftehim bejni u bejn is-socjeta' attrici".

7. Sa ma nhareg mandat ta' sekwestru kontrih (*a fol* 21), f'Novembru 2008, hu ma rcieva ebda ittra ufficjali titlob il-hlas.

8. Bhala dokument mal-AVVIZ hemm, *a fol* 2, SALES STATEMENT ghall-hlas in kwistjoni li hu datat 15.10.2008.

9. Minn naha tal-konvenut giet prezentata ittra ta' Dr. John Vassallo datata 23 ta' Marzu 2004 (*a fol* 64) li **<u>minghajr pregudizzju</u>** jinghad hekk:-

*Filwaqt illi jidher li jista jintlahaq qbil li jinbdidlu* ***sitta*** *mill-plakki nvoluti, tibqa l-kwistjoni li l-klijent tieghi qed jintalab jaghmel hu x-xoghol ta' tqattiegh rikjest. Wiehed jifhem illi tali xoghol ghandu jsir da parti taghkom.*

III KONSIDERAZZJONIJET

1. It-TRIBUNAL iqis li meta konvenut iressaq eccezzjoni ta' preskrizzjoni qasira, kif ghamel il-konvenut fil-kawza odjerna, sta ghalih li jressaq provi konvincenti (ghax ikun hu li allega dan) u, li jillimita ruhu filli jaghmel kontro-ezami ta' xhud imressaq minn min jitlob il-hlas jista ma jkunx bizzejjed.

2. Meta min jitlob hlas u min mistenni li jhallas jidhlu, f'kaz ta' dizgwid, fi trattativi, dan ghandu jigi nkoraggit ghax b'hekk ikun qed jigi nkoraggit ftehim barra l-Qorti f'atmosfera kemm jista jkun serena, izda wiehed irid jezamina sew kull kaz fil-fattispecji teighu biex jara kienx hemm xi ammissjoni, li tista titqies cara u li tista tippregudika naha jew ohra. Meta tinkiteb xihaga u din tkun preceduta mid-dikjarazzjoni BLA PREGUDIZZJU, wiehed irid jati l-piz dovut lil dan ha jara jekk, bhala fatt, kienx hemm xi rinunzja ghal xi dritt (p.e. li tissolleva l-preskrizzjoni) jew le. Kollox jiddependi mill-fattispecji ta' kull kaz. Fil-fehma tat-TRIBUNAL, fil-kaz prezenti, l-ittra tal-avukat tal-kovenut esebita *a fol* 64, tieghu l-prekawzjoni legittma li tikkawtela lill-konvenut bla ma taghlaq il-bieb ghal rangament barra l-Qorti. Ghalhekk dik

l-ittra ma timplikax xi rinunzja ghal eventwali sollevar tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni *per* art 2149(a) tal-Kap 16.

3. Wiehed hawn jinnota li s-socjeta' attrici ghazlet li ma tirrikorrix ghall-provvediment tal-art 2160 (1) tal-Kap 16 dwar sejha lill-allegat debitur ghal gurament fit-termini ta' dak l-artikolu.

4. Pero t-TRIBUNAL ghandu diffikulta ohra. Il-kaz tassew jaqa taht il-preskrizzjoni qasira sollevata mill-konvenut, jigifieri art 2149 (a)? It-TRIBUNAL jahseb li iva. Is-socjeta' attrici bieghet "slabs" ga lesti lill-konvenut. Il-konvenut sata kien min kien. Ma jfissirx li kulmin imiss ma socjeta' kummercjali ikun qed jiehu sehem f'att kummercjali li jmur 'l hinn mill-applikabilita' tal-art 2149 (a) u mhux f'att ta' semplici bejgh. Anke jekk wara jara hu x'jaghmel bl-oggett mibjugh.

## IV DECIZJONI

Meqjus dak kollu kunsidrat hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) jilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata u jiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta skond l-art 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk (2) jichad it-talba attrici u (3) dwar spejjes tal-kawza, f'dawn ic-cirkostanzi, ghandhom jigu sopportati nofs b'nofs (50:50) bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------